MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 517/2010

**Maria Theresea *sive* Marthese Vella u għal kull buon fini żewġha Joseph Vella**

**-vs-**

**Lugarda u Edgar konjuġi Cachia**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fid-19 ta' Mejju 2010 li permezz tiegħu ġie premess:

1. Illi r-rikorrenti hija proprjetarja ta', u tippossjedi flimkien ma' żewġha, porzjoni diviża mill-art magħrufa bħala 'Ta' Maria' ġewwa Wied is-Sewda, limiti ta' Ħal Qormi, tal-kejl ta' ċirka 1,118 metri kwadri;

2. Illi fil-porzjoni art tar-rikorrenti hemm passaġġ aċċessibbli minn kanċell, liema passaġġ u kanċell huma

interament fuq l-art tagħhom. Dan il-passaġġ iservi biss art ta' terzi, ċjoe' dritt ta' passaġġ bir-riġel a favur tal-aħwa Spiteri jew is-suċċessuri tagħhom;

3. Illi din l-art, u b'mod partikolari dan il-passaġġ, jinsab in parti adjaċenti ma' porzjoni diviża oħra mill-art appartenenti lill-intimata Lugarda Cachia, u f'dan il-punt il-porzjonijiet tal-kontendenti huma diviżi minn reċint, jew aħjar *fence* tal-*wire;*

4. Illi l-intimati, f'daqqa u mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi, qed jikkontendu illi għandhom xi jedd fuq din l-art, partikolarment fuq dan il-passaġġ;

5. Illi l-intimat qatt ma għaddew minn dan il-passaġġ, li huwa proprjeta' tar-rikorrenti Marthese Vella. L-intimati dejjem aċċedew għall-porzjoni tagħhom minn triq pubblika, minn fejn għandhom aċċess liberu (Dok A – Dok E). Huma ma jgawdu l-ebda dritt fuq l-art tar-rikorrenti, li kif ingħad, hija soġġetta biss għad-dritt ta' passaġġ a favur tal-aħwa Spiteri;

6. Illi fit-12 ta' Mejju 2010, jew il-jiem ta' qabel, l-intimati bil-moħbi, abbusivament, *ad insaputa* u mingħajr il-kunsens tar-rikorrenti, qabdu u kisru l-katnazz tal-kanċell, u qalgħu l-*fence* illi kien hemm jifred il-proprjetajiet tagħhom, b'mod illi issa tneħħiet id-delineazzjoni li kien hemm in situ;

7. Illi aktar riċentament, ċjoe' fit-18 ta' Mejju 2010, l-intimati, ukoll *ad insaputa* u mingħajr il-kunsens tar-rikorrenti, qabdu u waħħlu xatba fejn qabel kien hemm il-*fence*, b'intenzjoni ċara illi jibdew jgħaddu minn ġewwa l-proprjeta' tar-rikorrenti;

8. Illi dan l-aġir tal-intimati huwa abbusiv, jikkostitwixxi spoll fil-konfront tar-rikorrenti, u jagħti lok għall-eżerċizzju ta' azzjoni ta' spoll privileġġjat;

9. Illi l-intimati huma ben konxji tat-titolu u pussess li għandhom ir-rikorrenti fuq din l-art, *essendo* art li pperveniet lilhom permezz ta' kuntratt ta' diviżjoni fl-atti

tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel datat 14 ta' Jannar 1999;

10. Illi r-rikorrenti għamlu rapport ta' dawn il-vjolazzjonijiet lill-Pulizija;

11. Illi msejħa ssabiex ireġġgħu lura l-art fl-istat li kienet qabel l-azzjoni spoljattiva tagħhom, l-intimati baqgħu inadempjenti;

12. Li huwa jaf b'dawn il-fatti personalment u jinsab awtorizzat jagħmel din id-dikjarazzjoni;

13. Li għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq premessi l-esponenti jitolbu umilment lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara illi l-intimati kkommettew spoll fil-konfront tar-rikorrenti bil-moħbi, abbusivament, *ad insaputa* u mingħajr il-kunsens tar-rikorrenti, billi qabdu u kisru l-katnazz tal-kanċell, qalgħu l-*fence* li kien jifred il-proprjetajiet tagħhom u minflok istallaw xatba;

2. Tordna lill-intimati sabiex jirripristinaw lir-rikorrenti fid-drittijiet u godiment reali tal-proprjeta' tagħhom, billi jerġgħu jagħlqu l-kanċell u jerġgħu jtellgħu il-*fence* illi kien jifred il-proprjetajiet rispettivi tagħhom, filwaqt illi jneħħu x-xatba illi installaw abbusivament, u dan fi żmien qasir u perentorju li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiffissa;

3. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex fin-nuqqas, jagħmlu xogħlijiet neċessarji huma a spejjeż tal-intimati, u dan taħt dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni għal dan il-għan.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti ppreżentata fl-14 ta' Ġunju 2010, li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi fl-ewwel lok ir-rikorrenti jridu jippruvaw l-elementi kostituttivi tal-ispoll.

2. Illi l-intimati ma kkommettew l-ebda spoll fil-konfront tar-rikorrenti billi kulma għamlu kien in awto-difiża tad-drittijiet tagħhom in konsonanza mal-prinċipju *vim vi repellere licet,* peress li l-esponenti ġew spoljati mir-rikorrenti stess fid-drittijiet tagħhom ta' passaġġ bir-riġel għar-raba' proprjeta' tal-intimata Ludgarda Cachia, u liema dritt l-intimati dejjem gawdew. Illi dan kollu seħħ meta r-rikorrenti, wara li tilfu kawża kirminali dwar *ragion fattasi* fejn kien akkużat l-intimat Edgar Cachia dwar l-istess mertu dibattut f'din il-kawża, għażlu li jisfidaw dak li ddeċidiet il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali meta lliberat lill-intimat Edgar Cachia – u reġgħu qabdu u ħadu l-liġi b'idejhom u mblokkaw l-istess passaġġ, kif effettivment jammettu huma stess li għamlu fir-rikors promotur.

3. Illi għalhekk dak li jingħad mir-rikorrenti fil-ħames premessa tar-rikors ġuramentat tagħhom fis-sens li l-intimati qatt m'għaddew minn dan il-passaġġ biex jaċċedu għall-għalqa tagħhom, u li huma dejjem aċċedew għall-porzjoni tagħhom minn triq pubblika, hi kontenzjoni għal kollox inveritiera u m'għandhiex mis-sewwa, u qed tiġi għalhekk respinta.

4. Illi l-esponenti, b'dak li għamlu, bl-ebda mod ma fixklu lir-rikorrenti fil-pussess tal-għalqa tagħhom u għalhekk lanqas f'dan ir-rigward ma jista' qatt jirriżulta xi spoll.

5. Illi għaldaqstant it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Semgħet il-provi;

Żammet aċċess fuq l-ambjenti in kwistjoni;

Rat l-atti proċesswali u l-verbal tas-seduta tat-18 ta' April 2012 fejn il-kawża ġiet differita għas-sentenza wara li l-Avukati trattaw il-kawża;

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher ċar mill-att promotur din hija kawża ta' spoll. L-atturi qed isostni illi l-konvenuti neħħew *fence* u qaċċtu kanċell li jifirdu l-proprjetajiet rispettivi tagħhom u li minflok għamlu xatba. Dawn it-tip ta' kawżi huma sfortunatament numerużi f'ambjenti rurali f'pajjiżna minħabba kwistjonijiet ta' passaġġ. Kif hu magħruf huma tlieta l-elementi rikjesti biex azzjoni ta' spoll tirnexxi, u ċjoe':

1. il-pussess – *possidesse;*

2. l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-moħbi jew kontra l-volonta' tal-attur – *spoliatum fuisse;* u

3. li l-azzjoni ssir fi żmien xahrejn minn meta jkun seħħ l-ispoll – *infra bimestre deduxisse*.

Illi l-konvenuti qed jeċċepixxu li l-atturi jridu jippruvaw l-elementi kostituttivi tal-ispoll u li f'kull każ kull m'għamlu huma kien li ddefendew il-proprjeta' tagħhom, ossija l-eċċezzjoni hekk imsejħa *'vim vi ripellere licet'*.

Illi huwa mportanti ħafna li l-partijiet jifhmu li din il-kawża **ma hija se tagħti jew tneħħi ebda dritt ta' passaġġ** kif donnhom qed jaħsbu huma, u ċertu provi li tressqu ma humiex rilevanti għal din il-kawża, u dan għar-raġuni ċara li din hija azzjoni possessorja. Għalhekk il-Qorti ma tistax tiddeċiedi dwar dan il-kweżit petitorju (illi probabbilment hemm bżonn xorta li jiġi riżolt bejn il-partijiet għal

raġunijiet li huma evidenti) għaliex quddiemha għandha biss il-kwistjoni possessorja u l-prinċipji derivanti minnha.

Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **"Delia vs Schembri"** (Prim' Awla – 4 ta' Frar 1958) ġie ritenut illi:

*"L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipproteġi l-pussess, ikun x'ikun ... li jiġi vjolentement jew okkultament meħuda mingħand il-possessur jew detentur u ġie deċiż kemm-il darba li tapplika wkoll għat-tutela tal-kważi pussess tad-drittijiet legali u hija inerenti għall-fatt ta' min b'awtorita' privata ... jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li għalkemm jista' jkollu dritt għalih ma jistax jeżerċitah mingħajr intervent tal-Qorti."*

Illi fi kliem **Pacifici Mazzoni** spoll vjolent huwa *"qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato"*. (Vol III Sez. 52).

Illi wieħed ukoll isib fil-kawża **"Margherita Fenech vs Pawla Zammit"** deċiża fit-12 ta' April 1958 illi:

*"L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' soċjali milli fuq il-prinċipju assolut ta' ġustizzja hija eminentement intiża l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jiġi impedut liċ-ċittadin privat li jieħu l-liġi f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak li jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat."*

Illi kif ukoll ġie ritenut:

*"Kif kellha okkażjoni tesprimi ruħha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indaġini li trid issir hija waħda limitatissima, rigoruża u skarna u ma tinsab f'ebda leġiżlazzjoni oħra, u kompliet tgħid illi għalhekk indaġinijiet ibbażati fuq x'jgħidu u ma jgħidux ġuristi u awturi Franċiżi u Taljani huwa għal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament ġuridiku tagħna"* – Appell Ċivili – **"Cardona vs Tabone"** – deċiża fid-9 ta' Marzu 1992).

Illi biex wieħed jifhem aħjar il-mertu tal-kawża, il-Qorti se tirriproduċi l-verżjoni tal-partijiet in kwistjoni.

Illi l-attriċi **Marthese Vella** fl-affidavit tagħha tgħid illi:

*"Jiena sid biċċa raba' ġewwa Wied is-Sewda, limiti ta' Ħal-Qormi, li kien tani l-papa' b'donazzjoni. Nispjega illi fl-1998 il-papa' kien ta l-art kollha lili u lill-ħuti, bil-kundizzjoni pero' li hu jibqa' jgawdiha tul ħajtu. Ftit wara, fl-1999, iddeċieda illi din tinqasam sabiex uliedu kollha jkollhom biċċa minn din l-art. Dawn il-kuntratti saru quddiem in-Nutar Spiteri Maempel. Kulħadd messu biċċa minn din l-art, dejjem soġġetta għat-tgawdija tal-papa' tul ħatju kollha. Jiena messni l-porzjoni numru 2.*

*Niftakar illi qabel ma qsamna l-papa' kien qabbad perit sabiex iħejji pjan ta' qasma biex kull wieħed u waħda minna jkollu biċċa art għalih. Il-perit kien lesta pjanta li l-papa' kien uriena lkoll. Niftakar illi kulħadd kien kuntent bil-mod kif qassamha, il-għaliex irnexxielu jagħti lil kulħadd biċċa li jkollha l-entratura tagħha. Din kienet importanti għall-papa', u anke għalina, biex b'hekk ħadd ma jidħol fuq ħaddieħor. Għalhekk din il-pjanta kulħadd aċċettaha, tant illi ġiet annessa mal-kuntratt ta' diviżjoni li sar fl-1999. Niftakar illi l-papa' kien spjegalna wkoll illi l-porzjoni bin-numru 2 - dik li misset lili - kien ser ikollha taċċetta dritt ta' passaġġ favur terzi. Dan qalulna qabel ma tellajna l-polza, u għalhekk sa dakinhar ħadd ma kien jaf lil min ser tmiss din il-biċċa, iżda kulħadd kien kuntent hekk. Ġara illi meta tellajna x-xorti din messet lili. Fil-fatt fil-kuntratt hemm miktub illi l-porzjoni tiegħi (numru 2) hija soġġetta għall-passaġġ favur il-familja Spiteri, kif kien qalilna l-papa' u kif kulħadd kien aċċetta. Fil-kuntratt ma jissemmew ebda nies oħra illi jistgħu jgħaddu minn fuq din l-art.*

*Kif semmejt aktar 'il fuq, il-papa' kien żamm id-dritt ta' użu tal-art kollha. Dan id-dritt jiena u ħuti irrispettajnih, tant illi l-ebda wieħed jew waħda minna ma daħal fil-parti tiegħu sakemm il-papa' kien għadu ħaj. Il-papa' tagħna miet fis-sena 2008, u għalhekk dħalna wara li miet.*

*Wara li miet, jien dħalt u bdejt nieħu ħsieb il-porzjoni tiegħi, kif wara kollox bdew jagħmlu ħuti. Ħadt ħsieb illi*

*ġibt perit u li nerġa' ntella' l-kamra illi kienet waqgħet. Ġibna permess u tellajniha ftit lil hinn minn fejn kienet qabel. Qabel il-kamra kienet tmiss preċiżament mal-linja li taqsam il-porzjoni tiegħi minn mal-porzjoni li messet lil oħti Georgina Demicoli. Meta ġibna l-permess din tellajniha ftit piedi il-bogħod minn dik il-linja, sabiex b'hekk ikun hemm passaġġ dritt għalina u għall-familja Spiteri, illi għandha dritt taċċedi għall-art tagħha minn fuq l-art tiegħi. Fl-antik id-dħul li kienu jużaw il-familja Spiteri – illum Michael Spiteri u Alfred Camilleri – kien minn taraġ li jagħti għal mal-kamra. Kienu jduru mal-kamra u jkompli għad-dritt sakemm jaslu għat-tarf tal-art ta' Spiteri. Kien passaġġ 'forma ta' siġġu'. Issa minn mindu ressaqt il-kamra, li kif għidt inbniet tikka 'l isfel minn fejn kienet, dan il-passaġġ ġie dritt.*

*Dan l-aħħar oħti Lugarda Cachia, bdiet tippretendi illi għandha xi dritt illi tgħaddi minn ġol-proprjeta tiegħi biex tidħol għall-art li messet lilha. Dan m'għandha l-ebda dritt illi tagħmlu għaliex kif ġja' għidt, u wara kollox jikkonferma il-kuntratt ta' diviżjoni, l-art tiegħi hija soġġetta biss għal-mogħdija favur il-familja Spiteri, u ħadd iżjed. Barra minn hekk Lugarda għandha dħul tagħha. Nirripeti illi meta qasmilna, il-papa' ried illi kull porzjoni jkollha id-dħul separat tagħha. Il-porzjoni numru 7 li misset lil Lugarda għandha faċċata kollha fuq triq oħra kif jidher mill-pjanta, u għalhekk għandha aċċess tagħha, u m'għandhiex għalfejn tgħaddi minn fuq ħwejġi.*

*Inżid illi Lugarda qatt ma kienet tgħaddi min hemm, u qatt ma setgħet tgħaddi minn hemm anke għaliex hi, bħali daħlet l-ewwel darba fi ħwejjiġha wara mewt il-papa', ċjoe' fil-2008.*

*Fl-aħħarnett ngħid illi qabel ma bdiet tressaq din il-pretensjoni, Lugarda qatt ma kienet għamlet xejn fi ħwejġi, u jien kont qed ingawdiha bil-kwiet bħala tiegħi, ħlief għad-dritt ta' passaġġ favur l-imsemmija familja Spiteri, li għandhom id-dritt illi jgħaddu minn hemm.*

*Jiena qatt ma tajt permess lil Lugarda Cachia jew lil żewġha Eddie Cachia, sabiex jidħlu fi ħwejġi, kif*

*ammettew huma stess. La qatt ma tajthom xi dritt li jgħaddu minn hemm. Jien mill-ewwel ilqajthom meta bdew jippretendu hekk. Fil-fatt aħna mill-ewwel għamilna rapport l-Għassa kull meta għamlu xi ħaġa. L-ewwel li għamlu kien illi qalgħu biċċa mil-wire li konna tellajna bħala fence bejn l-art tiegħi u dik ta' ħuti. Ftit ġranet wara kienu waħħlu rixtellu żgħir f'parti minn dan il-fence u anke qaċċtu l-katnazz tal-kanċell li jagħlaq il-proprjeta' tagħna.*

Illi żewġha (l-attur) **Joseph Vella** qal fl-affidavit illi:

*"Jiena niġi r-raġel ta' Marthese Vella xebba Cardona. Il-mara tiegħi għandha biċċa art ġewwa Wied is-Sewda, limiti ta' Ħal-Qormi, li ngħatat lilha mingħand missierha Pawlu Cardona.*

*Jien niftakar sew l-għalqa meta kienet għadha sħiħa. Kont nitla' għall-kaċċa hemm, u niftakar illi l-parti illi llum hija ta' marti, kellha dritt ta' passaġġ fuqha favur nies li kellhom l-art tagħhom aktar 'il gewwa. Fil-kuntratt ta' diviżjoni dawn in-nies huma msemmija bħala l-familja Spiteri. Mit-triq kien hemm taraġ, peress illi l-għelieqi kienu f'livell ogħla mit-triq. Dan it-taraġ kien jagħti għall-art li llum hija tal-mara tiegħi. Dawn in-nies kienu jidħlu minn dan it-taraġ u jgħaddu minn maġenb il-kamra, iduru magħha u jkomplu għar-raba' tagħhom. Illum-il ġurnata it-taraġ m'għadux hemm, u lanqas il-kamra ma tinsab fejn kienet qabel, għaliex din erġajna tellajniha, peress illi kienet iġġarfet. Bil-permess tal-MEPA, aħna ressaqniha ftit piedi 'l fuq. Dan għamilnih għall-kumdita' tagħna, peress illi għamilna rampa għall-mutur, u anke sabiex dawk it-terzi illi għandhom id-dritt illi jgħaddu jkunu jistgħu jinqdew mingħajr ma jgħaddu min-nofs ir-raba' tagħna, u minflok jgħaddu mill-ġenb. B'daqshekk id-dritt li kellha il-familja Spiteri li tgħaddi minn fuq din l-art ma ġiex mittiefes; kulma ġara kien illi l-mogħdija tressqet xi ftit. Fejn qabel kienu jidħlu 'l fuq mill-kamra, iduru magħha, u jkomplu deħlin 'il ġewwa għal ħwejjiġhom, illum jidħlu mill-kanċell tagħna, li jinsab bejn il-kamra il-ġdida u l-ħajt diviżorju li jifred l-art ta' marti minn ma' l-art ta' oħtha Georgina, u jkomplu mexjin għad-dritt sakemm jaslu għall-art tagħhom. Dan kollu sar bil-kunsens tal-familja Spiteri,*

*iżda mhux bil-kunsens ta' Lugarda Cachia, jew ta' xi ħaddieħor, peress illi ħadd ħlief il-familja Spiteri m'għandha dritt tgħaddi minn fuq din l-art.*

*Dan l-aħħar Lugarda Cachia u żewġha Edgar, bdew jippretendu illi għandhom xi dritt illi jgħaddu minn fuq l-art tagħna, u preċiżament qedgħin jgħidu illi għandhom jgħaddu minn fuq il-mogħdija l-ġdida. Dan assolutament mhux minnu, u ngħid għaliex. Qabel xejn fil-kuntratt ta' diviżjoni – li kulhadd iffirma u li kulħadd, inkluż Lugarda Cachia, iddikjara illi kienu kuntenti b'dak li nkiteb – issemma biss illi l-art ta' marti kienet soġġetta għad-dritt ta' passagg favur il-familja Spiteri. Imkien ma tniżżel illi Lugarda kellha, jew li ngħatat, dritt li tgħaddi minn hemm. Barra minn hekk Lugarda u żewġha għandhom dħul għall-art tagħhom li jinsab fuq triq oħra. Qiegħed nesebixxi set ta' 2 ritratti (JV 1 & JV 2) li juru l-faċċata tal-art tagħhom fuq din it-triq. Il-ħajt li jidher f'dawn ir-ritratti ittella' riċentement minnhom, peress illi qabel ma kienx hemm. Lugarda Cachia setgħet faċilment ma tellgħet l-ebda ħajt, jew li kieku riedet, setgħet anke tellgħet ħajt u għamlet xatba jew kanċell fuq din il-faċċata sabiex minn hemm tidħol ġo l-art tagħha. Dan m'għamlitux għal raġunijiet li hi biss taf, u minflok issa qed tippretendi inġustament illi tgħaddi minn fuq l-art ta' marti.*

*Inżid illi Lugarda Cachia qatt ma kienet tgħaddi minn fuq l-art ta' marti, sew meta kien għadu ħaj Pawlu Cardona, li jiġi missier marti u missier Lugarda Cachia, u anke wara li miet u l-art ġiet f'idejn l-aħwa.*

*Fil-11 ta' Mejju ċempilli Alfred Camilleri – li huwa wieħed mill-familja Spiteri - u qalli li sab il-katnazz tal-kanċell imqaċċat. Jien mort fuq il-post u rajt li hekk kien. Sibt ukoll parti mill-fence maqlugħ. Nispjega illi aħna konna tellajna fence tal-wire fuq il-linja tan-nofs li tifred l-art tagħna minn ma' l-art ta' ħut il-mara, fosthom l-art ta' Lugarda Cachia. F'din l-okkażjoni sibt illi parti minn dan il-fence kienet ġiet maqlugħa. Mort l-Għassa ta' Ħal-Qormi biex nagħmel rapport. Ftit wara li tlaqt mill-Għassa ċempilli is-surġent u qalli illi ftit qabel ma kont mort l-Għassa jiena, kien mar hemm Edgar Cachia jagħmel*

*rapport huwa stess illi qaċċat il-katnazz u qala' l-fence. Dan is-surġent spjegali wkoll illi huwa għaqqad ir-rapport tiegħi mar-rapport ta' Edgar Cachia peress illi kienu fuq l-istess inċident. Dan seħħ fit-12 ta' Mejju 2010 u kopja ta' dan ir-rapport jinsab esebit. Nippreċiża pero' illi meta ġbidt kopja tar-rapport tiegħi l-Pulizija tatni biss dik il-parti tiegħi, u ma tatnix il-parti tar-rapport ta' Edgar.*

*Wara ftit jiem ċempilli George Micallef, li huwa miżżewweġ lil oħt il-mara tiegħi, u li jitla' hemm ta' spiss, u qalli li ra lil Edgar Cachia qiegħed iwaħħhal grada fejn hemm il-fence – indikazzjoni ċara illi bi ħsiebu jibda jidħol ġor-raba tagħna. Jien mort fuq il-post u sibtu hemm, u mill-ewwel mort ngħidlu biex jaqla' din il-grada minn hemm. Hu wiegibni illi dak li kien qed jagħmel kien ġo ħwejġu, u li jekk irrid nista' nfittxu bil-Qorti. Erġajt mort nagħmel rapport l-Għassa. Dan kien fit-18 ta' Mejju 2010, u kopja tar-rapport jinsab ġja' esebit.*

*Qiegħed nesebixxi wkoll sett ta' tmien (8) ritratti (JV 3 sa JV 10) illi juru l-art ta' Lugarda Cachia waqt illi kien qed isir xogħol bl-inġenji kbar. Dawn l-inġenji ma daħlux mill-art tagħna. Ngħid illi lanqas setgħu jidħlu minn hemm minħabba iċ-ċokon tal-passaġġ tagħna. Għalhekk dawn jikkonfermaw illi Lugarda Cachia għandha dħul ieħor, altrimenti ma kienux jidhru dawn l-inġenji fir-ritratti.*

*Qabel ma bdiet tressaq din il-pretensjoni, Lugarda Cachia u żewġha Edgar qatt ma kienu għamlu xi ħaġa li setgħet fixklitna fit-tgwadija ta' din l-art. Sa ma seħħew dawn l-inċidenti, aħna konna qed ingawduha bil-kwiet mingħajr ebda ndħil minn ħadd. Ħlief għad-dritt ta' passaġġ favur l-imsemmija familja Spiteri, ma kien jidħol ħadd fuqna.*

*Fl-aħħarnett ngħid illi jiena qatt ma tajt permess lil Lugarda Cachia jew lil żewġha Eddie Cachia, sabiex jidħlu fi ħwejġi, kif ammettew huma stess. La qatt ma tajthom xi dritt li jgħaddu minn hemm. Malli bdew jippretendu aħna dejjem ilqajnihom, u urejnihom illi hemmhekk huwa tagħna. Fil-fatt il-kanċell tagħna li jinsab maġenb il-kamra, u li jagħlaq dan il-passaġġ, għandu tabella li tgħid ċar u tond illi hemm art privata, u li ħadd ma jista' jidħol bla*

*permess. Qiegħed nesebixxi żewġ ritratti (JV 11 & JV 12) li juru dan il-kanċell u anke parti mill-kamra l-ġdida. Dan il-kanċell kellu katnazz, u ċ-ċavetta qiegħda għandna u għand il-familja Spiteri, peress illi dawn huma l-uniċi nies illi għandhom dritt jgħaddu minn hemm. Meta qabel semmejt illi tqaċċat il-katnazz kont qed nirriferi għall-katnazz ta' dan il-kanċell. Minn mindu seħħew dawn l-inċidenti aħna ma rajnihomx fuq l-art tagħna, jew jipprovaw jgħaddu minn hemm. Iżda George Micallef qalli illi wara rega' ra lil Edgar Cachia. Madanakollu l-affarijiet illi għamlu għadhom l-istess – rigward il-katnazz aħna ma erġajniex waħħalna katnazz ġdid (għax jerġa' jqaċċtu), u barra minn hekk il-grada illi poġġa mal-fence għadha hemm sal-lum, għalkemm għidnilhom sabiex ireġġgħu kollox għal li kien."*

Min-naħa tagħha l-konvenuta qalet illi:

*"Jiena sid ta' biċċa raba' li tinsab ġewwa Wied is-Sewda, Limiti ta' Ħal Qormi, li tifforma parti minn raba' akbar li llum hija diviża, u tappartjeni lil ħuti l-oħra. Ir-raba' kollha hi maqsuma f'għaxar porzjonijiet, daqs kemm aħna aħwa – oriġinarjament konna ħdax aħwa, imma mbagħad ġie nieqes wieħed minnha. Ir-raba' kollha kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti ġja eżistenti bejn id-defunti ġenituri tagħna Paolo u Theresa Cardona.*

*Ommi mietet fin-1979 u missieri miet fis-sena 2008, f'Diċembru. Is-sehem ta' ommi minn din l-għalqa writnieh l-aħwa kollha bejnietna f'sehem indaqs u indiviż skont it-testment ta' ommi, filwaqt li s-sehem ta' missierna ġie mogħti lilna l-aħwa kollha mill-istess missierna in forza ta' kuntratt datat 29 ta' Diċembru 1998 in atti Nutar Gerard Spiteri Maempel. Imbagħad kienet saret id-divizjoni ta' din ir-raba', skont ma jirriżulta mill-kuntratt datat 14 ta' Jannar 1999 in atti tal-istess Nutar, anness mar-rikors ġuramentat u markat Dok O.*

*L-aħwa kollha missna biċċa diviża minn din l-art, li pero' baqgħet soġġetta għat-tgawdija tal-papa' tul ħajtu kollha. Jien missni l-porzjoni numru 7 u lill-attriċi messa l-porzjon numru 2. Il-porzjonijiet kienu ttellgħu bix-xorti. Ir-raba'*

*tiegħi tmiss ma' ħames porzjonijiet oħra ta' ħuti. Niftakar illi qabel ma qsamna, il-papa' kien qabbad lill-Perit Emanuel Agius sabiex iħejji pjan ta' qasma biex din ir-raba' tinqasam f'għaxar porzjonijiet, kif fil-fatt sar. Ma huwiex minnu dak imsemmi mill-attriċi fl-affidavit tagħha li qatt ingħad diskors fis-sens li, jew li kienet ir-rieda tal-papa', li kull porzjoni ikollha aċċess għaliha. Dan għaliex f'dak iż-żmien bħala aħwa konna magħqudin, u l-iċken ħaġa li kienet se tgħaddi minn moħħ il-papa', u anke' minn moħħna, kienet li xi ħadd minna kien se jostakola lil ħutu fl-eżercizzju tal-aċċess għall-porzjoni tar-raba' li kienet ser tmiss lilna rispettivament.*

*Fil-kuntratt ta' divizjoni jissemma li l-porzjon numru 2, u cjoe' dak tal-attriċi hu soġġett għad-dritt ta' passaġġ tal-familja Spiteri. Jissemma' biss dan id-dritt ta' passaġġ għax il-papa', li kien ikkoordina d-diviżjoni sħiħa hu, lanqas biss kien qatt jgħaddilu minn moħħu li joqgħod isemmi d-dritt ta' passaġġ li aħna l-aħwa kien ser ikollna mir-raba' ta' xulxin, għax konna familja magħquda. Kienu proprju għalhekk li ssemma' d-dritt ta' aċċess tal-barranin biss, u ċjoe' tal-familja Spiteri. Mhux hekk biss, iżda kieku l-papa' kellu joqgħod jindika d-dritt ta' aċċess li kull wieħed minna l-aħwa kien se jkollu għar-raba' rispettiva tiegħu bid-diviżjoni li saret mill-papa`, kienet tinħoloq kumplikazzjoni enormi fil-kuntratt ta' diviżjoni. Dan qed ngħidu għaliex hemm biss żewġ passaġġi li jagħtu aċċess mit-triq pubblika għall-għaxar porzjonijiet, dak il-passaġġ li jagħti għall-porzjon numru 6 u dak il-passaġġ li qed jiġi dibattut f'din il-kawża. U l-għaxra li aħna bilfors ikollna naċċedu minn dawn iż-żewġ passaġġi biex naslu għar-raba' rispettiva tagħna. Hemm ukoll il-fatt li l-għalqa tal-familja Spiteri tiġi l-aħħar waħda, u ċjoe' fl-aħħar tal-passaġġ dibattut f'din il-kawża, u għalhekk ma jagħmilx sens li r-raba' tal-familja Spiteri hemm aċċess għaliha mill-passaġġ imsemmi, filwaqt li l-għelieqi li hemm qabel wieħed jasal għar-raba' ta' Spiteri m'għandhomx aċċess mill-istess passaġġ.*

*Sakemm miet il-papa', ħadd mill-aħwa ma daħal fil-parti tiegħu ta' din ir-raba', u għalhekk l-aħwa kollha dħalna fil-parti rispettiva tagħna wara li l-papa' miet, u ċjoe' fil-bidu*

*tal-2009. Anzi nippreċiża li kienet biss oħti Carmena Mizzi li kienet tidħol qabel din id-data fil-porzjon tagħha, peress illi hi kienet tmur ma' missieri.*

*Ngħid illi r-raba' sħiħa li kellu l-papa` tmiss ma' żewġ toroq għax qiegħda kantuniera. Sakemm miet il-papa', l-uniċi żewġ aċċessi għall-għaxar porzjonijiet kienu dak bir-riġel mill-passaġġ markat bħala RA fuq il-pjanta annessa u markata Dok AD, u ċjoe' l-passaġġ dibattut f'din il-kawża – din hi l-istess pjanta annessa mal-kuntratt ta' divizjoni – u mill-porzjon numru 6 (dan kien bl-inġenji), liema porzjoni hu ta' ħija Eugenio Cardona. Missieri kien juża dawn iż-żewġ aċċessi, jekk ikun se jaħrat kien jidħol mill-porzjoni 6, u l-bqija mill-passaġġ mertu tal-kawża.*

*Sadanittant, wara l-mewt tal-papa`, żewġi kien imur fl-għalqa tiegħi regolarment, ġieli kien jidħol minn fuq il-plot numru 6, li hu ta' ħija Eugenio Cardona, u ġieli kien jidħol mill-passaġġ markat bhala RA (bir-riġel) biex jaċċedi għar-raba' tagħna. L-aċċess mill-passaġġ indikat RA kien wieħed mhux imxekkel fis-sens li ma kien hemm l-ebda grada.*

*L-attriċi, wara l-mewt ta' missieri, kienet bniet kamra fuq il-porzjon tagħha, flok oħra li diġa kienet teżisti qabel u li kienet ġiet maħruqa fiż-żmien meta kien għadu ħaj il-papa'. Meta kien għad hemm il-kamra l-antika, il-passaġġ kien mit-triq minn fejn hu llum ukoll, iżda minflok ma wieħed jibqa' tiela' dritt, ried idur ma' din il-kamra imbagħad jerġa' jkompli tiela' dritt. Dan il-passaġġ għalhekk kien jibda fil-forma ta' siġġu. Meta nbniet il-kamra l-ġdida mill-attriċi, il-passaġġ ġie wieħed dritt u wieħed ma kellux il-ħtieġa aktar li jdur mal-kamra. Inżid ukoll illi l-kamra ma ġietx mibnija fil-post identiku li kienet mibnija l-kamra l-antika, pero' nbniet madwar metru 'l bogħod lejn il-lemin, meta tħares mit-triq. Qed nannetti ritratt Dok JC minn fejn jidher dan il-passaġġ li qed insemmi, li sa ftit xhur ilu ma kellu l-ebda xatba. Inżid li biex inbniet din il-kamra mill-attriċi, jien kont nagħti aċċess lill-attriċi mill-għalqa tiegħi bl-inġenji, u ċjoe' bi trakkijiet kbar, sabiex ikun jista' jinġarr il-ġebel u materjal ieħor għall-kostruzzjoni ta' din il-kamra. Dawn it-trakkijiet kienu*

*fil-fatt jidħlu mit-triq pubblika għall-porzjon numru 6 ta' hija Eugenio, jgħaddu għal fuq il-porzjon tiegħi numru 7, imbagħad imorru fuq il-porzjon numru 2 tal-attriċi. Sa dan il-mument, oħti ma qalgħet l-ebda kwistjoni dwar l-aċċess tiegħi u ta' żewġi għal fuq ir-raba' tagħna, fejn kif ġja' għidt konna ngħaddu mill-passaġġ indikat bħala RA fil-pjanta annessa.*

*Ġara illi f'ġurnata minnhom, fl-ewwel xhur tas-sena 2010, u għalhekk wara li oħti kienet lestiet il-bini tal-kamra msemmija, żewġi mar sabiex jidħol fl-għalqa tagħna, mill-passaġġ RA. Dakinhar hu kien daħal mill-imsemmi passaġġ u ċioe' r-rampa indikata fir-ritratt Dok JC, u kif tela' r-rampa kollha sab numru ta' kanen imwaħħlin fl-art u b'fidiferru marbut minn kanna għall-oħra, li kienu qegħdin jimblokkaw l-aċċess mill-passaġġ għall-għalqa tagħna. Dawn il-kanen kienu jimxu mill-porzjoni 8 'il fuq sal-porzjoni tiegħi.*

*Minn dak li qalli r-raġel wara, l-atturi kienu marru fuqu u qalulu sabiex ma jgħaddix aktar minn dak il-passaġġ. Hu weġbihom li aħna kellna d-dritt li ngħaddu minn hemm, u biex ma jwaħħlu xejn man-naħa tar-raba' tagħna, u qallhom biex ineħħu dak li kienu għamlu. Huma ma neħħewx il-fidiferru u naf li żewġi kien immedjatament neħħa dan il-fidiferru hu biex stajna nidħlu għall-għalqa tagħna.*

*Ngħid ukoll li l-atturi kienu rrappurtaw lil żewġi lill-Pulizija dwar dan il-każ, u mbagħad kien hemm kawża kriminali kontra żewġi fejn hu ġie liberat mill-akkuża ta' kontrih. Is-sentenza qed tiġi annessa u markata Dok KK.*

*Inżid li fl-14 ta' April 2010, l-atturi kienu qabdu u waħħlu xatba fil-bidu tar-rampa li għadni kif semmejt, dokument KL anness. F'dik il-ġimgħa niftakar li żewgi kien daħal minn dik ix-xatba peress li ma kienx hemm katnazz magħha. Ftit jiem wara li żewġi ġie liberat mill-Qorti, l-atturi waħħlu katnazz max-xatba u b'hekk aħna ma stajniex nidħlu għall-għalqa tagħna, ħlief bil-kunsens ta' ħija l-ieħor li għandu l-porzjon numru 6. Ngħid ukoll li jien kont mort ma' żewġi, u meta ndunajna b'dan il-katnazz,*

*neħħejnih mill-ewwel. Wara li qtajna l-katnazz, aħna għaddejna mill-istess passaġġ sabiex naċċedu għall-għalqa tagħna fejn hemm sibna li kien reġa' ġie mwaħħal il-fidiferru u l-kanen li kienu jżommuna milli nidħlu fl-għalqa tagħna. Dakinhar żewġi reġa' qata l-fidiferru li l-atturi kienu reġgħu waħħlu mal-għalqa tagħna. Ftit ġranet wara li ġara dan, żewġi kien waħħal grada żgħira mal-għalqa tagħna flok il-fidiferru li kienu waħħlu l-atturi.*

*Sal-lum aħna għadna ngħaddu għar-raba' tagħna minn fejn hemm ix-xatba msemmija, billi mbagħad ma reġax twaħħal katnazz u lanqas fidiferru ma' din ix-xatba mwaħħla mill-atturi.*

*Nagħlaq billi ngħid illi żgur li mhuwiex il-pjaċir tagħna li llum-il ġurnata qegħdin il-Qorti, l-aktar meta aħna familja waħda. Dan aktar u aktar meta d-dokumentazzjoni nkluż aerial photo li għandna u anke survey sheet juru li l-passaġġ imsemmi u li qed jiġi dibattut f'din il-kawża hu in parte propjeta' tiegħi. Jiġifieri mhux biss għandi d-dritt li ngħaddi minn hemm għax jien m'għandix aċċess ieħor, iżda wkoll għax jien għandi sehem in proprjeta' mill-istess passaġġ, kuntrarjament għal dak li qed tgħid l-attriċi. Qed nannetti Dok MB u Dok MZ li juru biċ-ċar dak li qed ngħid.*

*Minkejja dan, jien ma ridtx ġlied fil-familja. Għalhekk meta nqala' dan l-inkwiet jien kont mort biex napplika biex ikolli aċċess dirett mit-triq li tmiss mar-raba' tiegħi, biex insib soluzzjoni u din il-kwistjoni tinqata' darba għal dejjem. Meta mort sabiex nagħmel applikazzjoni mal-MEPA, l-uffiċċjal inkarigat għarrafni li tali permess ma seta qatt jingħata, billi r-raba' sħiħa diġa' kellha żewġ passaġġi li jagħtu għaliha (dawk li semmejt aktar qabel), u ċertament li l-MEPA ma kienitx se taċċetta li jkun hemm passaġġ li jagħti għat-triq għal kull porzjoni ta' raba'. Dan l-aċċess li jien xtaqt li jkolli kien ser ikun minn fejn hemm immarkat bil-vleġġa blu fuq il-pjanta annessa ma' dan l-affidavit, Dok AD. Il-parti fuq il-pjanta li qiegħda markata b'tikka sewda hija kollha għalqa ta' terzi persuni. Allura aħna ġejna f'sitwazzjoni fejn, fejn hemm il-vleġġa blu hemm ħajt li ma nistgħux nidħlu minnu, filwaqt li fit-tarf l-ieħor tal-*

*porzjon tagħna, ħlief għall-passaġġ li d-daħla tiegħu hi mmarkata bħala RA, ir-raba' tagħna tiġi li hi interkjuża.*

Illi l-konvenut Edgar Cachia qal illi:

*"Jiena niġi r-raġel ta' Ludgarda Cachia, u t-tnejn li aħna konvenuti f'din il-kawża. Marti hija sid ta' biċċa raba' li tinsab ġewwa Wied is-Sewda, limiti ta' Ħal Qormi, li tifforma parti minn raba' akbar li llum hija diviża, u tappartjeni wkoll lil ħutha l-oħra. Ir-raba' kollha hi maqsuma f'għaxar porzjonijiet, daqs kemm huma aħwa.*

*Teresa Cardona, omm il-mara tiegħi, mietet fl-1979 u s-sehem tagħha minn din ir-raba' wirtuh l-aħwa kollha bejniethom f'sehem indaqs, u dan skont it-testment tal-istess Teresa Cardona. Missier il-mara, Pawlu Cardona, miet f'Diċembru tas-sena 2008. Is-sehem tiegħu ġie mgħoddi lill-aħwa kollha tul ħajtu, u dan skont kuntratt datat 29 ta' Diċembru 1998 in atti Nutar Gerard Spiteri Maempel. Wara saret id-diviżjoni ta' din ir-raba', skont ma jirriżulta mill-kuntratt datat 14 ta' Jannar 1999 in atti tal-istess Nutar, anness mar-rikors ġuramentat u markat Dok O.*

*L-aħwa kollha messhom biċċa diviża minn din l-art meta saret id-diviżjoni, li pero' baqgħet soġġetta għat-tgawdija ta' Pawlu Cardona, missier il-mara. Il-mara (Ludgarda), messha porzjoni numru 7 u lill-attriċi messha l-porzjon numru 2. Naf illi l-porzjonijiet kienu ttellgħu bix-xorti, skont kif qaltli l-mara tiegħi.*

*Ir-raba' sħiħa tmiss ma' żewġ toroq peress li qegħda kantuniera. L-uniċi żewġ aċċessi għall-għaxar porzjonijiet huma dak bir-riġel mill-passaġġ mertu tal-kawża, u dak bl-inġenji mill-porzjon numru 6, ta' Eugenio Cardona. Missier il-mara kien juża dawn iż-żewġ aċċessi. Meta kien jaħrat bl-inġenji huwa kien jidħol mill-porzjoni 6, l-bqija, peress li huwa wkoll kien jitla' minn naħa ta' Wied il-Kbir ta' Ħal Qormi, mill-passaġġ mertu tal-kawża billi għalhekk kien ikollu distanza iqsar x'jimxi.*

*Sakemm miet Pawlu Cardona, la aħna u lanqas l-atturi ma konna naċċedu għar-raba' rispettiva tagħna.*

*Niftakar illi f'Jannar tas-sena 2009, jien kont mort flimkien mat-tifel tiegħi f'din ir-raba' fejn kien hemm l-attur, u ċertu George Micallef. Dakinhar jien u t-tifel dħalna mill-passaġġ mertu tal-kawża u konna domna nitkellmu mal-konvenut [mhux dwar il-passaġġ], u hu ma kien qajjem assolutament l-ebda kwistjoni dwar il-fatt li aħna konna għaddejna minn dan il-passaġġ.*

*Fl-istess sena, u ċjoe' fl-2009, jiena u marti xtaqna li jkollna aċċess dirett mit-triq li tmiss mar-raba' tagħna. Naturalment dan l-aċċess kien ser iżid il-valur tar-raba' tagħna. Iżda ġejna mgħarrfin mill-MEPA li tali permess ma setax jingħata, billi r-raba' sħiħa diġa kellha żewġ passaġġi li jagħtu għaliha, u l-MEPA ma kienitx ser taċċetta li jkun hemm passaġġ li jagħti għat-triq għal kull porzjoni ta' raba', u ċjoe` għaxar gates li jagħtu għat-triq. Ir-raba' sħiħa għadha tidher mal-MEPA bħala għalqa waħda. Ġara li aħna ġejna f'sitwazzjoni fejn l-għalqa tagħna hija interkjuża, u biex naċċedu għaliha rridu ngħaddu mill-passaġġ ta' Eugenio Cardona jew tal-atturi.*

*Wara l-mewt ta' missier il-mara, jien bdejt immur fl-għalqa tagħna regolarment, u billi kont ngħaddi min-naħa tal-Wied il-Kbir ta' Ħal Qormi, kont dejjem nidħol mill-passaġġ mertu tal-kawża. Dan jien għamiltu f'numru kbir ta' okkażjonijiet.*

*Meta jien kelli bżonn nidħol narat l-għalqa b'xi inġenji, jien kont naċċedi mill-għalqa ta' Eugenio Cardona, pero' jien m'għandiex dritt nidħol bir-riġel mill-istess entratura ta' Eugenio Cardona. Id-dritt ta' passa bir-riġel huwa dak mertu ta' din il-kawża. L-istess passaġġ dejjem kien wieħed mhux imxekkel, fis-sens li ma kien hemm l-ebda grada.*

*L-attriċi, wara l-mewt ta' Pawlu Cardona, kienet bniet kamra fuq il-porzjon tagħha fejn bidlet il-kamra eżistenti qabel. Jien m'opponejtx għal dan it-tibdil peress li issa l-*

*passaġġ ġie aktar prattiku minn kif kien qabel, u barra minn hekk il-parti li tappartjeni lil marti ma ġietx mittiefsa.*

*Mhux hekk biss iżda għandi ngħid li waqt li kienet qed tinbena din il-kamra, aħna u l-aħwa kollha konna tajna permess lill-atturi sabiex jgħaddu bl-inġenji minn fuq l-għelieqi tagħna sakemm l-atturi setgħu idaħħlu l-materjal tal-kostruzzjoni. Dan proprju juri kemm ma kienx hemm kwistjonijiet sa dak iż-żmien, u jien kont dejjem naċċedi liberament mill-passaġġ mertu tal-kawża u kif għidt, anke biex l-atturi jgħaddu bl-inġenji mir-raba' tagħna ma konna sibna l-ebda oġġezzjoni.*

*Fl-ewwel xhur tas-sena 2010, ftit wara li tlesta l-bini tal-kamra msemmija, jiena mort sabiex nidħol fl-għalqa tagħna mill-passaġġ mertu tal-kawża, pero' hekk kif tlajt ir-rampa kollha sibt numru ta' kanen imwaħħlin fl-art, b'fidiferru marbut minn kanna għall-oħra, li kienu qegħdin jimblokkaw l-aċċess mill-passaġġ għall-għalqa tagħna u tal-bqija tal-aħwa. Dawn il-kanen kienu jimxu mill-porzjoni tmienja (8) 'l fuq sal-porzjoni tiegħi.*

*Niftakar illi dakinhar kien hemm l-atturi u qaluli sabiex ma ngħaddix aktar minn dan il-passaġġ. Jien oġġezzjonajt għax għidtilhom li aħna kellna d-dritt li ngħaddu minn hemm, u biex ma jwaħħlu xejn man-naha tar-raba' tagħna, u avżajthom sabiex ineħħu dak li kienu waħħlu. Qam paniku sħiħ. Huma iżda ma neħħewx il-fidiferru u b'hekk jien neħħejt dan il-fidiferru mmedjatament.*

*Wara ftit tal-ġranet irċevejt telefonata mill-Pulizija peress li kien sarli rapport mill-attur fl-għassa ta' Ħal Qormi, u mbagħad kien hemm kawża kriminali kontrija dwar spoll kriminali fejn jien ġejt liberat. Sentenza annessa mal-affidavit ta' Ludgarda Cachia markata Dok KK.*

*Fl-14 ta' April 2010 u ċjoe` ftit jiem wara li ngħatat din is-sentenza, l-atturi baqgħu jisfidaw u waħħlu xatba fil-bidu tar-rampa li tagħti għall-passaġġ biswit l-għalqa tagħhom. F'dik il-ġimgħa niftakar li jien kont diġa' dħalt minn dik ix-xatba, pero' ftit jiem wara huma waħħlu katnazz max-xatba, b'konsegwenza li aħna ma stajniex nidħlu fl-għalqa*

*tagħna. Ngħid ukoll li jien kont mort mal-mara tiegħi Ludgarda, meta ndunajna b'dan il-katnazz, u neħħejnih mill-ewwel biex b'hekk stajna nidħlu mill-passaġġ imsemmi.*

*Wara li qtajna l-katnazz, aħna għaddejna mill-istess passaġġ sabiex naċċedu għall-għalqa tagħna fejn hemm sibna li kien reġa' ġie mwaħħal il-fidiferru u l-kanen fl-għalqa tagħna. Dakinhar jien erġajt qtajt il-fidiferru li l-atturi kienu reġgħu waħħlu mal-għalqa tagħna. Ftit ġranet wara li ġara dan, jien kont waħħalt grada żgħira mal-għalqa tagħna flok il-fidiferru li kienu waħħlu l-atturi.*

*Sal-lum ahna għadna ngħaddu għar-raba' tagħna minn fejn hemm ix-xatba msemmija, billi ma reġax twaħħal katnazz u lanqas fidiferru.*

*Ngħid illi apparti li l-atturi qegħdin jostakolaw l-aċċess għall-għelieqi tal-aħwa, huma qed jagħmlu pussess fuq il-passaġġ li ta' min jgħid hu in parte proprjeta' tagħna. B'dan irrid infissier illi jien mhux biss għandi dritt li ngħaddi minn dan il-passaġġ imma marti għandha wkoll sehem mill-istess.*

*Inżid billi ngħid li b'dak li għamilt jien, jien m'aġixxejtx biex inċaħħad lill-atturi fil-pussess tal-għalqa tagħhom, iżda ippriservajt biss il-jedd ta' marti u tiegħi li nibqgħu ngħaddu mill-passaġġ mertu tal-kawża kif konna ilna nagħmlu għal xhur sħaħ qabel inqalgħu l-inċidenti mertu tal-kawża, u kif il-ġenituri tal-mara minn dejjem għamlu għal snin twal sakemm kienu għadhom ħajjin.*

Illi ġew ukoll esebiti affidavits ta' ħut il-partijiet li naturalment huma skond ma' minn dawn l-aħwa jissimpattiżżaw mill-kontendenti.

Il-kwistjonijiet għalhekk bdew jinqalgħu wara l-mewt ta' missier il-kontendenti. Dan kien qasam l-għelieqi *tramite* l-kuntratt esebit mill-atturi in atti Nutar Spiteri Maempel, minn fejn jidher ċar li l-parti li messet lill-attriċi hija soġġetta għall-passaġġ favur terzi; il-konvenuti ma jissemmewx f'dan ir-rigward iżda dawn xorta riedu jibqgħu

jgħaddu minn dan il-passaġġ biex jaċċedu għall-proprjeta' tagħhom. Biex il-problema żgur ma tiġix solvuta l-Awtorita' tal-Ambjent u Ippjanar ma tathomx permess jagħmlu fetħa mit-triq prinċipali.

Illi idher li l-atturi wara diversi kwistjonijiet għalqu l-proprjeta' b'*fence* u katnazz u l-konvenut qalgħu darbtejn; wara l-ewwel okkazzjoni ittieħdu proċeduri kriminali li minnhom ġie liberat u wara t-tieni okkażjoni bdew dawn il-proċeduri.

Illi fil-każ in kwistjoni għalhekk huwa jekk japplikax il-prinċipju *vim vi ripellere licet*. Infatti l-ġist tal-argument tal-konvenut huwa li kienu l-atturi li kkomettew l-ispoll meta għamlu l-għeluq u ma kellhomx dritt jagħmlu dan. Fuq dan l-aspett, il-Qorti tal-Appell fil-kawża **"Camilleri vs Bonello"** (deċiża fil-5 t'Ottubru 1998) ikkonsidrata mill-Qrati tagħna bħala *'leading case'* fil-materja, qalet illi:

*"F'azzjoni possessorja ta' din ix-xorta l-att turbattiv tal-pussess li ta lok għaliha għandu dejjem ikun identifikabbli u għandu jiġi bi preċiżjoni identifikat (spolitaum fuisse) bħala fatt li sar fi żmien determinat mhux biss għaliex mill-mument meta javvera ruħu li d-dekadenza estintiva tal-azzjoni jibda jiddekorri imma wkoll għaliex it-talba jeħtieġ tkun għar-reintegrazzoni tal-attur ..."*

Illi ġiet ukoll ċitata sentenza riportata fil-**Vol LXXIII-II-273** fejn intqal illi:

*"Contro l' altrui azione violenta e' consentita anche l' auto difesa. Percio' posso oppormi alla violenza mentre questa ' in atto (in continenti e non ex intervallo). Se invece la violenza e' cassata devo ricorrere al giudice esprendo l' azione possessoria."*

Illi l-Qorti ċċitat ukoll sentenza oħra antika (**Vol XXIV pt 1 pagna 281**) fejn irriteniet illi:

*"Dell' altro canto chi rimuove ostacoli trovati el passaggio ale proprie terre per apririvi l' accesso che prima possedeva non fa' atto violento, ne' commette spoglio, ne'*

*si fa' giustizia da se ma esercita il su diritto entro i limiti del suo possesso, o meglio, afferma e continua il proprio possesso di cui era in godimento legittimo che fu turbato da chi ha posto quegli ostacoli."*

Illi l-Qorti mbagħad qalet li dan naturalment japplika a *contrario senso*. Naturalment pero' din l-azzjoni tal-konvenut trid tkun saret **immedjatament** wara li jkun sar l-ispoll tal-attur biex tkun ġustifikata. (Ara wkoll is-sentenzi **"Pellegrini Petit vs Sammut"** – Appell 16 ta' Jannar 1920 u **"Sammut vs Sammut"** – Prim' Awla – 31 ta' Jannar 2003).

Illi għalhekk f'każi simili, il-Qorti trid tiddeċiedi jekk kienx l-istess attur li ħa l-ligi b'idejh u kwindi kkommetta l-ispoll hu, u allura l-konvenut kellux dritt jirrespinġi l-ispoll permezz ta' spoll ieħor – ħaga li hija permessa mill-ġurisprudenza purke l-azzjoni tiegħu tkun proporzjonata (fis-sens li jerġa' jpoġġi l-affarijiet għall-istat li kienu qabel l-ispoll), u immedjata.

Illi l-Qorti jidhrilha li dan il-prinċipju ġie żviluppat biex iservi ta' difiża għal min ikun ġie spoljat mill-pussess tal-ħaġa u jirreaġixxi billi jerġa' jistabbilixxi l-*istatus quo ante* fis-sens li jerġa' jakkwista l-pussess tal-ħaġa li jkun ġie spoljat minnha. Huwa minħabba f'hekk l-azzjoni tal-konvenut trid tkun immedjata għall-ispoll kommess mill-attur. Dan anke għaliex il-ġurisprudenza ħadet kont tal-fatt illi n-natura umana hija li hi u huwa naturali li l-bniedem jirreaġixxi b'dan il-mod. Madankollu l-Qrati ma jistgħux jippermettu li l-ispoljat jieħu l-liġi f'idejh la b'mod sproporzjonat u lanqas wara li jgħaddi wisq żmien fuq l-ispoll originali – dejjem jekk dan ikun sar. (**"Mifsud vs Farrugia"**, Prim' Awla – 13 ta' April 2005).

Illi f'din il-kawża l-Qorti hija propensa li temmen il-verżjoni tal-konvenuti illi l-konvenut Cachia qala' l-katnazz u l-*fence* dakinhar stess li rahom. Is-sekwenza ta' kif ġraw l-affarijiet jindikaw li huwa minnu li l-atturi reġgħu għamlu dawn l-impedimenti għad-dħul fir-raba' tagħhom wara s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati illi lliberat lill-konvenut mill-akkuża li ħa l-liġi b'idejh. Din ingħatat fil-21 ta' April

2010 u l-atturi ippronew din il-kawża fid-19 ta' Mejju 2010. Skond ir-rapport lill-Pulizija huma skoprew il-fatt fit-12 ta' Mejju. Il-konvenuti t-tnejn jgħidu li l-konvenut qaċċat il-katnazz dakinhar stess li huma ndunaw bih. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti jeżistu r-rekwiżiti biex il-konvenuti jirnexxu fl-eċċezzjonijiet tagħhom fir-rigward ir-ripristinar tal-*fence* u l-katnazz. Jekk l-atturi jidhrilhom li l-konvenuti m'għandhomx id-dritt ta' passaġġ reklamat minnhom ma jistgħux huma stess minn jeddhom jikkostruwixxu impedimenti mingħajr awtorizzazzjoni ġudizzjarja. Fir-rigward pero' tax-xatba li għamel il-konvenut, huwa m'għandu ebda ġustifikazzjoni; l-ewwelnett *'ex admissis'* huwa għamilha jiem wara l-azzjoni preċedenti u *oltre* dan din ix-xatba ma kenitx hemm qabel u għalhekk huwa mhux biss raġġa' lura lill-atturi iżda żied komponent li ma kellu ebda awtorita' jagħmel.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti fir-rigward tax-xatba, u tilqa' t-talbiet kollha attriċi fir-rigward. Il-Qorti tipprefiġġi terminu ta' xahar għall-fini tat-tieni talba. Il-Qorti tinnomina lill-A.I.C. Alan Saliba bħala espert tekniku jekk ikun meħtieġ sabiex jissorvelja x-xogħlijiet neċessarji. Il-Qorti iżda tilqa' l-eċċezzjonijiet fir-rigward tat-talbiet dwar il-*fence* u l-katnazz, u tiċħad l-istess talbiet fir-rigward tagħhom.**

**Spejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------